# IL-BIERAH, IL-LUM U GHADA

*Anton Agius Muscat*

Fil-jiem imqanqla li fl-istorja ta' Malta ħadu l-isem ta' "Sette Giugno", kien qiegħed iżur Malta l-Patri Majjistru Ġeneral tad-Dumnikani. Dawk kollha li kitbu fuq il-ġrajjiet tas-*"Sette Giugno"*, tqanqila li ħalliet it-tranja tagħha fil-mixja storika, politika u soċjali ta' Malta, sa fejn naf jien ma semmewx li jekk fil-Belt inqala' inkwiet kbir bejn Maltin u l-Militar Ingliż, tant li l-Isqof Dumnikan Patri Anġlu Portelli ħareġ fit-triqat tal-Belt ħalli jara kif ikellem in-nies u jberred il-qiegħa, daqstant ieħor il-Provinċja Maltija Dumnikana ta' San Piju V kienet qiegħda f'nofs programm sħiħ ta' laqgħat mal-Ġeneral Ludoviku Theissling li kien wasal Malta fid-19 ta' Mejju 1919.[1]

Qabel iż-żjara tal-P. Ġeneral Theissling, id-Dumnikani Maltin kienu għadhom kemm temmew tlitt ijiem festi mill-aqwa b'tifkira tal-ħames ċentenarju ta' S. Vinċenz Ferreri fil-Knisja Bażilika u Parroċċa ta' S. Duminku, il-Belt.

Il-P. Ġeneral Theisaling ħalla Ruma fi Frar 1917 sabiex jibda żjara kanonika f'bosta pajjiżi madwar id-dinja u għadda Malta fl-1919 fi triqtu lura lejn Ruma.

Id-Dumnikani f'Malta laqgħuh bil-kbir, Ħejjewlu programm mill-aqwa, b'ċeremonjal jixhed il-polz ta' Malta meta l-Belt kienet tabilħaqq il-pern tal-ħajja f'Malta.

Is-Sibt, 24 ta' Mejju 1919, il-Konfratelli tas-Smu. Rużarju u tal-*"Misericordia"* magħrufa mal-poplu bħala "Rożarjanti", stednuh ħalli jqaddsilhom fl-Oratorju tagħhom fi Strada San Domenico, il-Belt. Inġabret ġemgħa ġmielha ta' ekklesjastiċi u lajċi. Ir-Rettur, Kan. Arċipriet D. Salvatore dei Conti Manduca, qralu indirizz u f'isem il-Fratelli tah rigal, klamar, tokka u taljakarti tal-fidda, xogħol ta' Malta. "Il-Kav. Ġ. Muscat Azzopardi tah kopja tal-Missal bil-Malti li kiteb huwa," jgħid it-tagħrif li stampaw id-Dumnikani Maltin. Il-kliem "Missal bil-Malti" issibu bil-korsiv, bħallikieku r-relatur ried li l-qarrej jifhem sew u aħjar il-frażi.

1/LXXI 1997

IL-MALTI

*Editur:*
Is-Sur Achille Mizzi

*Il-Qoxra:* Inċiżjoni ta' Richard Saliba – 1996

Il-qoxra ta' dan l-għadd ta' IL-MALTI fiha riproduzzjoni ta' inċiżjoni ta' l-artist Malti, Richard Saliba. Il-figura tat-tfajla hija u tħares lejn il-ktieb miftuħ fiha ħajja ta' tensjoni movimentata b'kompożizzjoni ġenerali ta' linja mserrpa li tiġbed u tpaxxi l-għajn. Minn dehra ta' figura statika, l-artist irnexxielu joħloq illużjoni ta' dehra mimlija ħajja. Għal dawk delettanti jqabblu xogħol artistiku ma' ieħor, inħajjarhom jaraw "La Liseuse" ta' Jean Honoré Fragonard (1732–1806) fejn l-artist Franċiż jippreżenta pittura biż-żejt, ritratt mezzo-bust profil, ta' tfajla bi ktieb f'idejha, mitlufa taqra. Iż-żewġ xogħlijiet daqstant imbiegħda fis-snin u fl-istil, fihom is-sbuħija partikolari tagħhom.

Għalkemm f'din l-inċiżjoni Richard Saliba juri l-bravura tiegħu b'linja akkademika, huwa wieħed minn dawk l-artisti Maltin li għaraf b'għaqal u b'suċċess ifittex triqtu kemm f'interpretazzjoni ta' arti figurattiva – minimalista huwa u jesplora l-paesaġġ Malti bħala pittur u bħala inċiżur, kemm ukoll f'arti astratta f'xogħol pittoriku. Ukoll fl-astratt tiegħu, Richard Saliba jipprova jkun armonjuż fil-kompożizzjoni, forma u lewn.

Huwa artist li ta kontribut serju u validu lill-arti Maltija kemm bħala inċiżur u kemm bħala pittur. Twieled fl-1943 ġewwa Birkirkara. Studja l-arti kemm f'Malta u kemm fl-Italja.

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti

Mitbugħ: P.E.G. Ltd.